

**Emenda 77**

**Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Sabine Wils**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**A7-0034/2014**

**Proposta għal regolament****Premessa 6***Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Biex is-suq tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri jimxi ħarir, huwa ta' importanza partikulari li l-awtoritajiet kompetenti jikkonformaw ma' dawn il-kriterji għall-obbligi ta' servizz pubbliku, kif ukoll mal-firxa tal-kuntratti ta' servizz pubbliku, għax l-operazzjonijiet ta' trasport b'aċċess miftuħ jeħtieġu jkunu kkoordinati sew ma' dawk li jsiru fil-qafas ta' kuntratt tas-servizz pubbliku. Għal din ir-raġuni, il-korp regolatorju ferrovjarju indipendenti għandu jiżgura li dan il-proċess jiġi applikat b'mod korrett u transparenti.

*Emenda*

(6) Biex is-suq tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri jimxi ħarir, huwa ta' importanza partikulari li l-awtoritajiet kompetenti jikkonformaw ma' dawn il-kriterji għall-obbligi ta' servizz pubbliku, kif ukoll mal-firxa tal-kuntratti ta' servizz pubbliku, għax l-operazzjonijiet ta' trasport b'aċċess miftuħ jeħtieġu jkunu kkoordinati sew ma' dawk li jsiru fil-qafas ta' kuntratt tas-servizz pubbliku. Għal din ir-raġuni, il-korp regolatorju ferrovjarju indipendenti għandu jiżgura li dan il-proċess jiġi applikat b'mod korrett u transparenti ***mill-awtoritajiet kompetenti, li jibgħu il-parti ewlenija responsabli għall-għoti ta' tali kuntratti.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa utli li jiġi enfasizzat li l-Awtorità Regolatorja Ferrovjarja skont id-Direttiva 2012/34 tista' tissorvelja biss it-twettiq korrett tal-kompeti u l-proċeduri ta' implementazzjoni skont l-impenn meħud mill-awtoritajiet kompetenti b'mod mhux diskriminatorju.*

**Emenda 78**

**Mikael Gustafsson, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Paul Murphy, Sabine Wils**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**A7-0034/2014**

**Proposta għal regolament****Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7) Jeħtieġ li jiġi stabbilit volum annwali massimu ta' kuntratt ta' servizz pubbliku għat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri, sabiex tiġi ffaċilitata l-kompetizzjoni għal tali kuntratti, filwaqt li tingħata aktar flessibilità lill-awtoritajiet kompetenti biex jottimizaw il-volum skont kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u operattivi.*

*imħassar*

Or. en

**Ġustifikazzjoni**

*L-istabbiliment ta' volum annwali massimu ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jwassal għas-suppożizzjoni ta' limiti massimi qarrieqa li ma jikkorrispondux għall-volum speċifiku tal-ħtiġijiet tal-passiġġieri u dawk ġeografiċi stabbiliti f'kull Stat Membru skont il-politika ġenerali tat-trasport tiegħi.*

**Emenda 79**

**Mikael Gustafsson, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Paul Murphy, Sabine Wils**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**A7-0034/2014**

**Proposta għal regolament****Premessa 9***Test propost mill-Kummissjoni*

(9) *Jeħtieġ li ċerti limiti massimi għall-għoti dirett ta' kuntratti ta' servizz pubbliku jiġu adattati għat-trasport ferrovjarju, skont il-kundizzjonijiet ekonomiċi speċifiċi li fihom isiru s-sejħiet għall-offerti f'dan is-setturi.*

*Emenda*

(9) *Il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali speċifiċi li fihom il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti jistgħu jsiru f'dan is-setturi għandhom jirriflettu l-htigġijiet tal-kuntratti ta' servizz pubbliku adattati skont il-htiegħa għat-trasport ferrovjarju.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proċeduri ta' sejħha għall-offerti, meta jiġu applikati, għandhom iwieġbu għall-htigġijiet tal-kuntratti ta' servizz pubbliku ta' għotxi ta' servizzi ferrovjarji effettivi lill-klijenti.*

**Emenda 80**

**Mikael Gustafsson, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Paul Murphy, Sabine Wils**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**A7-0034/2014**

**Proposta għal regolament****Premessa 11***Test propost mill-Kummissjoni*

(11) **Bil-għan li jinħolqu kundizzjonijiet ta' qafas li jippermettu lis-soċjetà tgawdi bis-sħiħ *il-benefiċċju tal-flu* effettiv *tas-suq* għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri, huwa importanti li l-Istati Membri jiżguraw livell xieraq ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-operaturi tas-servizz pubbliku.**

*Emenda*

(11) **Fid-dawl tal-ħolqien ta'** kundizzjonijiet ta' qafas li jippermettu lis-soċjetà tgawdi bis-sħiħ ***il-benefiċċji ta' servizz pubbliku*** effettiv ***u ta' kwalità ġħolja*** għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri, huwa importanti li l-Istati Membri jiżguraw, ***fi kwalunkwe każ, fil-livell nazzjonali, regionali jew lokali, kundizzjonijiet tajba tax-xogħol u*** livell xieraq ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-operaturi tas-servizz pubbliku.

**Dan għandu jiġi għarantit bil-liġi nazzjonali u/jew bi ftehimiet kollettivi mas-settur kollu u/jew b'obbligi ta' ftehimiet kollettivi u regoli u ftehimiet oħra li jikkonċernaw il-postijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali fil-post fejn is-servizz jiġi pprovdut, u/jew billi jkun rikjest obbligatorjament it-trasferiment tal-persunal. Dawn l-standards għandhom ikunu vinkolanti għall-operaturi kollha li jitfgħu l-offerti u għandhom jipproteġu d-drittijiet tax-xogħol u d-drittijiet kollha fil-mument tal-bidla tal-operatur. Meta jsir trasferiment, għandu jaapplika għall-persunal li ttieħed preċedentement biex jiġi pprovdut servizz mill-operatur preċedenti, u għandhom jingħataw id-drittijiet li għalihom kien ikollhom il-jedd kieku kien hemm**

*trasferiment fis-sens tad-Direttiva 2001/23/KE<sup>l</sup>.*

*Standards soċjali tajbin huma kundizzjoni biex jingħataw servizzi ta' kwalità tajba. Għalhekk, il-kompetizzjoni ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal li jipprovd i-servizzi. L-istandardi soċjali u/jew it-trasferiment obbligatorju ta' persunal jiżguraw ukoll termini ta' kompetizzjoni transparenti u komparabbli bejn operaturi u jipprevjenu r-riskju ta' dumping soċjali. Trasferiment obbligatorju ta' persunal fil-każ ta' bidla fl-operatur jiżgura wkoll il-kontinwità ta' servizzi għall-passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri huma impenjati bis-shiħħ li jiżguraw livell tajjeb xieraq ta' kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persunal impiegat ma' forniture tal-Obbligu tas-Servizz Pubbliku: Dawn il-kundizzjonijiet huma fatturi ewlenin għall-għoti ta' servizzi ta' kwalità tajba għall-klijenti kollha u għalhekk għandhom jiġu inklużi u jkunu vinkolanti fil-proċeduri kollha ta' sejħiet għall-offerti magħmula mill-awtoritajiet kompetenti.*

**Emenda 81**

**Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Paul Murphy, Sabine Wils**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**A7-0034/2014**

**Proposta għal regolament****Artikolu 1 – punt 5**

Regolament (KE) Nru 1370/2007

Artikolu 5a – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fejn ma jeżistux, f'suq tat-trasport  
rilevanti, kumpaniji ta' kiri tal-vetturi  
ferrovjarji għall-kiri tal-vetturi ferrovjarji  
msemmija fil-paragrafu 1  
b'kundizzjonijiet kummerċjalment vijab bli  
u mhux diskriminatorji lill-operaturi  
kollha kkonċernati tat-trasport ferrovjarju  
pubbliku tal-passiġġieri, l-Istati Membri  
għandhom jiżguraw li r-riskju ta' valur  
residwali tal-vetturi ferrovjarji jiġgarra b  
mill-awtorità kompetenti skont ir-regoli  
dwar l-għajnuna mill-istat, fejn l-  
operaturi li jixtiequ u huma kapaċi  
jipparteċipaw fi proċeduri ta' sejħiet  
għall-offerti għal kuntratti ta' servizz  
pubbliku jitkolbu dan sabiex ikunu jistgħu  
jipparteċipaw fl-istess sejħiet għall-offerti.*

*L-awtorità kompetenti tista' tikkonforma  
mar-rekwiżit stipulat fl-ewwel  
subparagrafu f'wieħed mill-modi li ġejjin:*

*(a) billi tikseb hi stess il-vetturi ferrovjarji  
użati għall-implementazzjoni tal-kuntratt  
ta' servizz pubbliku, bil-għan li tagħmlu  
disponibbli għall-operatur magħżul tas-  
servizz pubbliku bi prezz tas-suq, jew  
bħala parti mill-kuntratt ta' servizz  
pubbliku skont l-Artikolu 4(1)(b), l-  
Artikolu 6, u fejn applikabbli, skont l-*

*Anness,*

*(b) billi tipprovdi garanzija għall-  
iffinanzjar tal-vetturi ferrovjarji użati  
għall-implimentazzjoni tal-kuntratt ta'  
servizz pubbliku bi prezz tas-suq, jew  
bħala parti minn kuntratt ta' servizz  
pubbliku skont l-Artikolu 4(1)(b), l-  
Artikolu 6, u fejn applikabbli, skont l-  
Anness. Tali garanzija tista' tkopri r-  
riskju ta' valur residwali filwaqt li  
tirrispetta r-regoli rilevanti dwar l-  
għajjnuna mill-istat fejn applikabbli,*

*(c) billi tintrabat, fil-kuntratt ta' servizz  
pubbliku, li tieħu lura l-vetturi ferrovjarji  
fi tmiem il-kuntratt bi prezz tas-suq.*

*Fil-każijiet imsemmija fil-punti (b) u (c),  
l-awtorità kompetenti għandu jkollha d-  
dritt li tirrikjedu li l-operatur tas-servizz  
pubbliku jittrasferixxi l-vetturi ferrovjarji,  
wara l-iskadenza tal-kuntratt ta' servizz  
pubbliku, lill-operatur ġdid li jkun  
ingħata kuntratt. L-awtorità kompetenti  
tista' tobbliga lill-operatur ġdid tat-  
trasport pubbliku jieħu l-vetturi  
ferrovjarji f'iddejh. Dan it-trasfiment  
għandu jsir b'rati tas-suq.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*It-tliet għażiex proposti qed jiżguraw li kemm il-parteċipanti ġodda fis-suq kif ukoll dawk l-  
offerenti li l-offerta tagħhom ma tkunx ġiet magħżula mħumiex fir-riskju li jagħtu l-vetturi  
ferrovjarji tagħhom iżda dan ir-riskju għandu jiġi għarrab mis-settur pubbliku jew l-impriżżei  
ferrovjarji għandhom jiġi obbligati li jagħmlu dan. Barra minn hekk, ma hija pprovduta ebda  
dispożizzjoni dwar ir-responsabbilità għall-kontroll tekniku u l-manutenzjoni, sabiex fl-agħar  
tal-każijiet l-awtorità kompetenti jkollha tħallas dawn l-ispejjeż ukoll.*

19.2.2014

A7-0034/82

**Emenda 82**

**Mikael Gustafsson, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Paul Murphy, Sabine Wils**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**A7-0034/2014**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 5**

Regolament (KE) Nru 1370/2007

Artikolu 5a – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Sa [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta mżuri li jistipulaw id-dettalji tal-proċedura li għandha tīgi segwita għall-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9a(2)."*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mżuri ta' implementazzjoni fil-livell Ewropew mhumiex meħtieġa peress li l-kundizzjonijiet ivarjaw minn awtoritajiet kompetenti għal awtoritajiet kompetenti.*

19.2.2014

A7-0034/83

**Emenda 83**

**Mikael Gustafsson, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Paul Murphy, Sabine Wils**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**A7-0034/2014**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – sottopunt b**

Regolament (KE) Nru 1370/2007

Artikolu 8 – paragrafu 2 a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) Jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:**

*imħassar*

**“2a. Il-kuntratti ta’ servizz pubbliku għat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri li jingħataw bejn l-1 ta’ Jannar 2013 u t-2 ta’**

**Dicembra 2019 jistgħu jkomplu sad-data tal-iskadenza tagħhom. Madankollu, jiġri x’jiġri, ma għandhomx ikomplu lil hinn mill-31 ta’ Dicembra 2022.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-paragrafu 6 oriġinali tal-Artikolu 5 fir-Regolament 1370/2007 qed jirrispondi għall-flessibbiltà meħtieġa mill-Istati Membri u għaldaqstant għandu jinżamm kif inhu.*

**Emenda 84**

**Mikael Gustafsson, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Paul Murphy, Sabine Wils**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**A7-0034/2014**

**Proposta għal regolament****Artikolu 1 – punt 8 – sottopunt c**

Regolament (KE) Nru 1370/2007

Artikolu 8 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(c) Fil-paragrafu 3, l-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tinbidel b'li ġej:* *imħassar*

*"Il-kuntratti msemmija fil-punt (d)  
jistgħu jkomplu sakemm jiskadu, dejjem  
jekk ikunu ta' tul ta' żmien limitat simili  
għall-perjodi speċifikati fl-Artikolu 4."*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-paragrafu 6 oriġinali tal-Artikolu 5 fir-Regolament 1370/2007 qed jirrispondi għall-flessibbiltà meħtieġa mill-Istati Membri u għaldaqstant għandu jinżamm kif inhu.*

19.2.2014

A7-0034/85

**Emenda 85**

**Mikael Gustafsson, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Paul Murphy, Sabine Wils**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**A7-0034/2014**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 9**

Regolament (KE) Nru 1370/2007

Artikolu 9 a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*9. Jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:*

*imħassar*

*"Artikolu 9a*

**Komitoloġija**

**1. Il-Kummissjoni għandha tkun  
megħjuna mill-Kumitat taż-Żona**  
*Ferrovjarja Unika Ewropea, stabbilit bl-  
Artikolu 62 tad-Direttiva 2012/34/UE tal-  
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-  
21 ta' Novembru 2012 li tistabbilxxi żona  
ferrovjarja unika Ewropea  
(riforħulazzjoni)<sup>13</sup>. Dak il-kumitat  
għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-  
Regolament (UE) Nru 182/2011.*

**2. Fejn issir referenza għal dan il-  
paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5  
tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.”.**

---

<sup>13</sup> *ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-ħassir jirrifletti t-ħassir propost tal-Artikolu 5a.4 dwar il-miżuri ta' implementazzjoni.*

